# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- TIFSIRA TA' "KOABITAZZJONI" -**

**- EVENTWALITA' GIA' KONTEMPLATA F'KUNTRATT TA' SEPARAZZJONI GHAT-TELF TAL-MANTENIMENT MA TEHTIEGX DIKJARAZZJONI MILL-GDID TA' SEPARAZZJONI -**

**- META L-ADULTERJU MA JWASSALX GHAT-TELF TAL-MANTENIMENT PATTWIT F'KUNTRATT TA' SEPARAZZJONI -**

**- PROVI INDIZJARJI F'KAWZA CIVILI -**

## Illum 30 ta' Gunju 2016

Rikors Guramentat Nru. 244 / 12RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fl-24 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fit-30 ta' Jannar 1982.

2. Illi l-kontendenti ilhom separati legalment sa mill-24 ta' Jannar 2002 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien, u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar minn ghaxar (10) snin.

3. Illi z-zewg ulied tal-kontendenti, u cioe' Neville u Bernard, ahwa B, huma maggorenni u huma mizzewgin.

4. Illi skont klawsola nru. 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi 1-attur kien obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta mantiniment ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha flimkien ma' somma wahda apparti ta' erba mitt lira Maltija (Lm400) li tithallas fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru ta' kull sena izda skont l-istess klawsola wkoll hu irrizerva d-dritt li jwaqqaf dan il-mantiniment f'kas li l-konvenuta tibda tikkoabita ma' ragel iehor.

5. Illi fil-fatt il-konvenuta kienet tikkoabita ma' ragel iehor f'Malta u fil-prezent qeghda tikkoabita ma' ragel iehor ta' nazzjonalita' barranija barra minn Malta, u precizament fl-Awstrija, fejn gieli tghix, ghalkemm tigi f'Malta minn zmien ghal zmien.

6. Illi ghalhekk l-attur mhux obbligat li jhallas lill-konvenuta l-ebda forma ta' mantiniment u dan peress li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha ghal mantiniment.

7. Illi minhabba fis-suespost r-rikorrent ma baqax ihallas il-mantiniment lill-konvenuta u dan sa minn madwar nofs is-sena 2004 u fil-fatt il-konvenuta qatt m'ghamlet xejn dwar dan u dan ghax hi taf ben tajjeb illi hi kienet iddekadiet minn dan id-dritt u ghalhekk ir-rikorrent kellu kull dritt li jwaqqfilha l-mantiniment.

8. Illi l-ewwel darba illi l-konvenuta ppretendiet illi r-rikorrent ghandu jhallasha l-mantiniment skont kif miftihem fil-kuntratt hawn fuq imsemmi kien biss fin-Nota ta' Eccezzjonijiet taghha pprezentata fl-24 ta' Lulju 2012 ghal rikors illi r-rikorrent intavola kontra l-istess konvenuta ghal pronunzjament tad-divorzju mill-konvenuta (citaz. Nru. 262/2012 AL li tinsab differita sine die tistenna l-ezitu ta' din il-procedura) u fl-istess gurnata il-konvenuta pprezentat ittra ufficjali li permezz taghha talbet lir-rikorrent biex ihallasha l-mantiniment skont klawsola nru. 4 tal-kuntratt hawn fuq imsemmi. Ir-rikorrent wiegeb ghal din l-ittra ufflccjali permezz ta’ ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju 2012 u li permezz taghha fakkar lill konvenuta li kif hi kienet taf ben tajjeb hi kienet iddekadiet minn dan id-dritt.

9. Illi l-unika raguni illi issa l-konvenuta qed tippretendi l-mantiniment minghand ir-rikorrent hi sabiex hi tipprova tostakolah fil-ksib tad-divorzju.

Raguni ghat-Talbiet f' dawn il-proceduri

Illi din il-procedura qed issir sabiex jigi dikjarat li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha tal-manteniment alemnu sa minn nofs is-sena 2004 u li konsegwentment 1-attur m'ghandu l-ebda obbligu li jissoministralha mantiniment.

Talbiet Attrici:

Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, jitlob li din l-Onorabbli Oorti joghgobha tiddikkjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi mantiniment minghandu u li konsegwentment l-obbligu tal-attur li jissommistra mantiniment lill-konvenuta ma baqax operattiv u dan almenu sa minn nofs is-sena 2004 u dan peress illi l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' ragel iehor u dan a tenur ta' klawsola nru. 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti tal-24 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Patrick Critien.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Preliminarjament, illi din il-kawza hija nulla stante li ma gietx segwita 1-procedura idonea u skont il-ligi u dana peress li ma gietx intavolata il-medjazzjoni u dan kif inhu tassativament rikjest fir-regolament nurnru 9 tal-Avviz Legali numru 397 tas-sena 2003 li jghid specifikatament hekk:

9(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:

(b) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali

Dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x 'inhi t-talba taghha li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolamement 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skont m 'hemm f'dik id-disposizzjoni.

Illi skont ir-regolament numru 10 tal-Avviz legali l-proceduri jistghu jinbdew biss wara li l-Qorti tawtorizza lill- partijiet jibdew dawn il-proceduri.

Illi tali procedura ma saritx u ghalhekk t-talbiet tal-attur ma jistghux jigu milqugha stante li tali procedura hija tassativa u ghalhekk tinkombi fuqha n-nullita’.

2. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet kif dedotti ma jistghux jigu milqugha u ghandhom jigu michuda stante li kif irreteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet Charles Zammit vs Jacqueline Zammit (kawza nru 127/04NC deciza 23/10/07) f'talba fejn l-attur jitlob inter alia li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment ghaliha minghand l-attur, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li talba ghad-dekadenza mid-dritt ta' manteniment ghandha necessarjament ssir f'kuntest ta' kawza li jkollha bhala wahda mit-talbiet dik ghas-separazzjoni personali u dan indipendentement minn jekk il-partijiet jkunux diga mifrudin b 'sentenza jew b 'kuntratt (li ghandu l-forza ta' sentenza). Dan johrog ukoll car mid-dicitura tal-ligi li tissoggetta l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-kap 16 ghas-sejba u dikjarazzjoni ta' htija ghas-separazzjoni ta' wiehed mill-konjugi. Di fatti dan l-artikolu huwa konsegwenzjali ghall-htija tal-parti ghal firda.

3. Illi bla pregudizzju ghal premess fil-mertu t-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Jannar 2002, f’liema kuntratt il-partijiet ftehmu bonarjament illi 'Ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas lill-mara manteniment ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fil-gimgha, flimkien ma' somma wahda apparti ta' erba mitt lira (Lm400) li tithallas fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru ta' kull sena; Ir-ragel ikollu d-dritt li jwaqqaf dan il-manteniment f'kaz li l-mara tibda tikkoabita ma ' ragel iehor.'

ii. Illi l-esponenti ma ddekadietx mid-dritt li tircevi manteniment ghaliha minghand ir-ragel.

iii. Illi r-rikorrenti diga gie interpellat mill-esponenti permezz ta' ittra ufficjali sabiex ihallas lill-esponenti l-manteniment lilha dovut u dana peress li huwa arbitrarjament u minghajr ebda raguni valida fil-ligi ddecieda li jwaqqaf il-manteniment ghall-martu.

iv. Illi lanqas ma huwa minnu li r-rikorrenti qieghda tipprova tostakola lir-rikorrenti milli jiehu d-divorzju izda huwa l-legislatur stess illi pprovda li l-manteniment ghandu jithallas u jibqa’ jithallas anki jekk ikun hemm divorzju.

4. Salvi risposti ulterjuri.

5. Illi hija ma ghandhiex tbati spejjez.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fit-23 ta’ Jannar 2013, li maghha gew annessi l-affidavit ta’ Antida Pace u Anthony Grech Sant;

Rat is-sentenza in parte ta' din l-Qorti tal-11 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta. B'dik is-sentenza din il-Qorti issosprassjediet sakemm il-partijiet jghaddu mill-process ta' medjazzjoni, process mandatorju qabel ma l-Qorti setghat titratta l-mertu tal-kawza odjerna.

Rat id-digriet tas-26 ta' Awwissu 2013 moghti fl-atti tal-medjazzjoni numru 973/13 li permezz tieghu il-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa in segwitu ghan-nota tal-medjatur tal-familja tat-22 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha l-Qorti kienet giet infurmata illi l-partijiet ma lahqux ftehim.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu l-Qorti innominat bhala assistant gudizzjarju lil Dr Kenneth Gulia.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Paul Sant Cassia li xehed fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 ; tax-xiehda tal-attur, li xehed fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2014 u fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, u sar l-kontro ezami tieghu fis-seduta tas-16 ta' April 2014; it-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Anthony Grech Sant u Antida Pace li xehedu fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014, u tax-xiehda ta' Paul Sant Cassia, li xehed fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2014 quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, pubblikat minn Nutar Dottor Patrick Critien fl-24 ta' Jannar 2002;

Rat id-Digriet ta' dina l-Qorti tal-14 ta' Jannar 2014, li cahdet it-talba tal-attur ghall-produzzjoni tax-xhud mhux dikjarat Noel Fabri;

Fis-seduta tal-21 ta' Ottobru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-konvenuta b'nota pprezentat l-affidavit taghha mmarkat Dok MA1, ta' ohtha Josette Borg Bonaci, mmarkat Dok MA2; u ta' ohtha Flavia Debono mmarkat Dok MA3.

Ipprezentat in oltre, r-ricevuti tat-tabib Dok MA4, u kuntratt tal-akkwist tal-garage tas-16 ta' Ottubru 2014 immarkat Dok MA5;

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fl-20 ta' Novembru 2014 li maghha annettiet l-affidavit ta' Paul Borg, ta' Neville B u ta' Bernard B;

Rat il-kontro ezami ta' Josette Borg Bonaci li sar fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015; il-kontro ezami tal-konvenuta li sar fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2015, u fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015; il-kontro ezami ta' Neville B u ta' Bernard B li saru fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015; u l-kontro ezami ta' Paul Borg, li sar fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur ipprezentata fil-25 ta' Jannar 2016;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-22 ta' Marzu 2016;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2016 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Jehtieg qabel ma l-Qorti tghaddi sabiex titratta l-mertu tal-kawza tiddeciedi jekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta hiex fondata u dan peress illi jekk tali eccezzjoni hija fondata l-azzjoni mressqa mill-attur tigi dikjarata irritwali u t-trattazzjoni tal-kawza tieqaf hemm.

**IT-TIENI ECCEZZJONI PRELIMINARI TAL-KONVENUTA**.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuta taqra kif gej:-

***Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet kif dedotti ma jistghux jigu milqugha u ghandhom jigu michuda stante li kif irreteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet Charles Zammit vs Jacqueline Zammit (kawza nru 127/04NC deciza 23/10/07) f'talba fejn l-attur jitlob inter alia li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment ghaliha minghand l-attur, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li talba ghad-dekadenza mid-dritt ta' manteniment ghandha necessarjament ssir f'kuntest ta' kawza li jkollha bhala wahda mit-talbiet dik ghas-separazzjoni personali u dan indipendentement minn jekk il-partijiet jkunux diga mifrudin b 'sentenza jew b 'kuntratt (li ghandu l-forza ta' sentenza). Dan johrog ukoll car mid-dicitura tal-ligi li tissoggetta l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-kap 16 ghas-sejba u dikjarazzjoni ta' htija ghas-separazzjoni ta' wiehed mill-konjugi. Di fatti dan l-artikolu huwa konsegwenzjali ghall-htija tal-parti ghal firda***.

Permezz ta’ din l-eccezzjoni l-konvenuta qed titlob li l-azzjoni attrici tigi dikjrata irritwali u allura nulla perezz illi t-talba sabiex il-Qorti “tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghandu (l-attur)…………u dan peress illi l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma ragel iehor u dan a tenur ta’ klawsola nru. 4 tal-kukntratt ta’ separazzjoni…..”

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-konvenuta regghat ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri fl-ismijiet “**Charles Zammit vs Jacqueline Zammit** (citaz nru 127/04NC) deciza fit-23 ta’ Ottubru 2007.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-attur ma ghamilx referenza ghal din l-eccezzjonijiet izda minflok giet trattata mill-Avukat tieghu waqt l-udjenza tal-5 ta’ April 2016 fejn issottolinea illi l-kawza odjerna ghandha fattispecie diversi minn dawk tal-kawza citata mill-konvenuta in kwantu fil-kawza deciza fis-sena 2007 il-partijiet ma kienu ghamlu l-ebda kondizzjoni fil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom dwar dekadenza mill-manteniment. L-attur ghalhekk jikkontendi illi s-sentenza citata mill-konvenuta u l-gurisprudenza hemm citata ma humiex applikabbli ghall-kawza odjerna fejn invece ghandu japplika skont l-attur il-principju legali “pacta sunt servanda”.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza **Charles Zammit vs Jacqueline Zammit** fuq citata din il-Qorti diverament presjeduta kienet irriteniet illi l-eccezzjoni qed tigi trattata kienet addiritutra sollevabbli ex officio anke fejn hadd mill-partijiet ma jkun issollevaha. F'dik is-sentenza saret referenza ghas-sentensa Francis Bugelli vs Josephine Bugelli deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996 u ghas-sentenza Hector D'Ugo vs Isabel Maria D'Ugo deciza mill-Prim' Awla per Onor. Imhallef Vincent Degaetano u l-kazistika hemm citata fir-rigward tal-materja in dizamina. Utli ghalhekk f'dan l-istadju rassenja tal-gurisprudenza fir-rigward:-

Fil-kawza fl-ismijiet "**A. Blackman vs M. Blackman**" deciza mil-Prim Awlla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu 1954, [VOL XXXVIII pp 466], li ccitat l-kawza **Gauci vs Gauci** deciza fis-27 ta' Gunju 1952, ntqal hekk:

"L-attur ma setax jitlob id-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt tal-alimenti minghajr ma jaghmel qabel kawza ta' separazzjoni personali fuq il-kawzali tal-adulterju. Kif ntqal f'dik is-sentenza xejn ma jiswa li l-kontendenti jinsabu separati, ghaliex dik is-separazzjoni tifforma stat bejniethom fuq il-fatt li ddetterminha, jigiefiri ......ebda ostakolu ma jista jkun hemm ghad domanda ta separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici noe vs Dottor Hugh McKibben"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1965 ntqal hekk:

" Ir-ragel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt ghall-alimenti taghha kontra tieghu minghajr ma jaghmel qabel kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adulterju, li kienet eskluza fil-motivi ta' separazzjoni u ssopraaveniet wara".

Fl-istess sens hi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet "**Francis Bugelli vs Josephine Borg gia' Bugelli**".

F'dik il-kawza l-attur kien talab id-dekadenza mid-dritt ta' alimenti fissat favur martu f'kuntratt ta' separazzjoni personali. Talab ukoll rifuzjoni ta' ammont ta' alimenti mhallsa, ghar-raguni allegata minnu li l-konvenuta kkommettiet adulterju wara li sar l-imsemmi kuntratt. Il-Qorti tal-Appell issottolinjat li l-konsegwenzi li jissemmew fl-Artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili huma propjament applikabbli f'kawza fejn jkun hemm talba ad hoc sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjugi. Din ir-regola tohrog mil-lokuzzjoni cara tal-ligi stess, kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-gurisprudenza tat-tribunali taghna. Gie bosta drabi affermat li l-istess regola tapplika bl-istess qawwa meta digja' jkun hemm sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi, u meta d-dekadenza mid-dritt ghall-alimenti tkun qed tintalab fuq fatti godda li graw wara dik is-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza citata mill-partijiet, b'mod partikolari s-sentenza Charles Zammit vs Jacqueline Zammit iccitata mill-konvenuta fl-eccezzjoni in dizamina. Minn dan l-ezami jirrizulta lil din il-Qorti il-bran li gej:-

"Illi inoltre hija opportuna l-osservazzjoni li, mill-kuntratt ta' separazzjoni, li, ghar-rigward ta' dak li hemm konvenut, jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet, il-hlas tal-manteniment pattwit mhuwiex sottopost ghall-ebda kondizzjoni; u ghalhekk in difett ta' stipulazzjoni espressa fil-kuntratt li tippermetti riduzzjoni jew tnehijja ta' dan il-manteniment fil-kaz li l-konvenuta jkollha relazzjoni adultera wara l-iffirmar tal-kuntratt, it-tnehijja tal-manteniment pattwit tista' ssir biss jew bil-kunsens tal-partijiet, jew b' sentenza tal-Qorti li tistabilixxi l-htija tal-firda." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Isegwi ghalhekk illi anke fit-termini tas-sentenzza citata mill-konvenuta in sostenn tat-tieni eccezzjoni taghha, mhux minnu li f'kull cikostanza fejn tintalab id-dekadenza mid-dritt ghall-manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali jehtieg li tali talba tkun dejjem preceduta minn talba li tiddikjara l-htija li twassal ghal separazzjoni personali u d-dekadenza konsegwenzjali.

L-Onor. Imhallef Noel Cuschieri kien car fl-osservazzjoni tieghu appena citata. Kien minhabba l-fatt li fil-kuntratt ta' separazzjoni mertu ta' dik il-kawza ma kienet issemmiet l-ebda eventwalita' li setghat twassal ghad-dekadenza mid-dritt li l-mara tippercepixxi l-manteniment, li kien allura mehtieg li talba ghad-dekadenza mid-dritt ghall-manteniment tkun preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni ta' htija li twassal ghas-separazzjoni personali u konsegwentement ghad-dekadenza tal-manteniment.

It-talba attrici f'dan ir-rigward hija cara u ma thalli lok ghal ebda dubju. L-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara illi l-eventwalita' kontemplata fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet, u cioe' "peress illi l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' ragel iehor u dan a tenur ta' klawsola nru. 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti tal-24 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien".

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-partijiet kienu gia' kkontemplaw fil-kuntratt taghhom l-eventwalita' li twassal ghat-telfien tad-dritt li l-mara tibqa' tircevi l-manteniment pattwit.

Il-klawsola rilevanti hija klawsola numru 4 (fol. 76) fejn jinghad hekk:

**"Ir-ragel jobbliga ruhhu li jhallas lill-mara manteniment ta' hamsin lira Maltin (Lm50)……….ir-ragel ikollu d-dritt li jwaqqaf dan il-manteniment f'kas li l-mara tibda tikkoabita ma' ragel iehor".**

Klawsola numru 4 tal-kuntratt hija cara u ma thalli lok ghal ebda dubju. Fl-eventwalita' li l-mara tibda tikkoabita ma' ragel iehor ir-ragel ghandu dritt jieqaf milli jissoministra l-manteniment lill-mara kif pattwit fil-kuntratt. Hija eventwalita' li l-partijiet bonarjament ftehmu dwarha. L-azzjoni attrici hija intiza sabiex il-Qorti tiddeciedi fuq il-fondatezza o meno tal-allegazzjoni tal-attur li qed

isostni li l-konvenuta qed tikkoabita' ma' ragel iehor u li ghalhekk ghandu dritt jieqaf ihallasha manteniment.

Huwa evidenti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma kienx mehtieg ad validitatem li l-attur jitlob ukoll dikjarazzjoni ta' htija u ta' separazzjoni personali.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tirrespingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

**IL-MERTU**.

Stabbilit li l-azzjoni hija ritwali jehtieg issa li l-Qorti tikkonsidra l-mertu tal-kawza li essenzjalment jikkonsisti dwar jekk l-attur irnexxielux jipprova sodisfacentement l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' ragel iehor. Jehtieg ghalhekk li jsir apprezzament tal-provi mressqa mill-partijiet.

**IL-PROVI.**

**Provi tal-Attur.**

**Antida Pace**, fl-affidavit taghha, Fol 20, iddikjarat li bejn is-sena 2007 u 2008 kienet tmur tnaddaf id-dar ta' Paul Sant Cassia fl-Imdina u li kienet tqabbadha l-konvenuta. Kienet tmur darba kull hmistax jew tlett gimghat bejn t-8.00 am u s-2.00 pm. Kienet tifthilha l-konvenuta u qalet li " f'dawn l-okkazzjonijiet, mhux l-ewwel darba li kont nara lil Paul Sant Cassia u lil D B lebsin 'dressing gown". Is-sodda kienet tidher li ntuzat minn tnejn minn nies. Gieli marret u l-konvenuta kienet tghidilha li Paul Sant Cassia kien imsiefer. Hi kkonfermat li D kellha hafna hwejjeg hemmhekk u kienet tmexxi l-hanut tal-cafe'/ restaurant Il-Gattopardo, li jinsab fl-istess dar ta' Paul Sant Cassia. D B kienet ukoll tinkarigha tnadfilha l-appartament li kellha fis-Swieqi, fejn kien joqghod wahdu t-tifel taghha, Bernard. In fatti, meta kienet tahdem hemm kienet tahsel u tghaddi l-hwejjeg ta' Bernard B.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014 xehdet in kontro-ezami Antida Pace, Fol 118. Hi kkonfermat l-affidavit taghha a fol 20 tal-process. Hi kienet saret taf lill-attur xi 14 il-sena qabel meta l-partijiet kienu mizzewgin u hi kienet tmur tnadfilhom il-Villa. Hi baqghet tmur ghandhom anke wara li il-Villa nbieghet. Ghand l-attur kienet tmur il-Mellieha u ghand il-konvenuta fil-flat taghha. Bejn it-2007 u t-2008 kien marret darba jew darbtejn fuq inkarigu tal-konvenuta ghand Paul Sant Cassia. Kienet tnaddaf il-Bistro kif ukoll is-sala u l-bedroom li kienu fuq.

Dwar dak li kienet qalet fl-affidavit li rathom it-tnejn bid-dressing gown, iddikjarat li lil Paul Sant Cassia ma rathux bid-dressing gown; kienet liebsa wahda D, li tintlibes ghal gewwa biss u mhux quddiem in-nies. D, bhal haddiema ohra kienet tahdem hemm u kollha kien ikollhom tibdila u kienu jbiddlu fir-restaurant. Ikkonfermat li D B kellha hafna tibdiliet hemmhekk.

L-Imdina marret tnaddaf darbtejn, kienet tibda fis-7.30 am u kienet tifthilha D. Meta kienet tmur tnaddaf il-post tas-Swieqi, kien jifthilha t-tifel li dejjem kien

jkun hemm, pero' kien hemm okkazjonijiet meta fethitilha D.  Zewgha ukoll ghamel ftit anqas minn sentejn jahdem il-Gattopardo bhala dishwasher.

**Anthony Grech Sant**, fl-affidavit tieghu, Fol 21, iddikjara li bejn is-sena 2008 u 2011 kien jikkoabita ma' Flavia Borg Bonaci li hi oht D B. Fl-ahhar tas-sena 2008 mar jiekol ma' Flavia Borg Bonaci fil-Gattopardo, l-Imdina, li kien propjeta' ta' Paul Sant Cassia li dak iz-zmien kien ma' D B. Ftit xhur wara, Flavia qaltlu li D ma kinitx ghadha ma' Paul Sant Cassia. Hu qal li wara D kienet toqghod ma' certu Josef mill-Awstrija, u li Flavia qaltlu li D gieli tmur ghandu l-Awstrija. Ikkonferma li gieli ra lil D ma' Josef ghand il-genituri ta' Flavia, meta hu u l-istess Flavia kienu mistiednin ghall-ikel ghand l-genituri taghha.

B'verbal registrat fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li hemm qbil li l-manteniment stipulat fil-kuntratt ilu ma jithallas mill-attur lill-konvenuta mis-sena 2004.

**Paul Sant Cassia** xehed fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 51 et seq. Hu kkonferma li hu Professur fl-Universita' ta' Malta u qabel kien jghallem fl-Universta' ta' Durham l-Ingilterra. Ghamel daqs 30 sena barra minn Malta fejn irritorna fis-sena 2009. F'Durham dam minn 1994 sat-2009. Hu kkonferma li joqghod l-Imdina u ghandu l-Bistro Il-Gattopardo li infetah wara s-sena 2005. Kien jigi Malta regolarment, fis-sajf kien jigi vakanzi ghal xaharejn, u gieli ma jibqax hawn iz-zmien kollu billi kien isiefer biex ghamel ir-ricerka. Jaf lill-attur A B bhala r-ragel ta' D B. Lilha jafha ghax kienet tahdem mieghu. Ghall-ewwel bdiet tghinu fil-Gallery fit-2002 qabel infethet, u damet tahdem mieghu sat-2009. F'dan iz-zmien ir-residenza tieghu kienet fl-Ingilterra u hi kellha flat propjeta' taghha. Fil-bidu kienet tghin biex issir din il-gallery u wara meta nfethet kienet tahdem fiha partikolarment meta hu kien ikun msiefer. Meta nfetah il-Bistro kienet tmexxieh hi. Kien hemm ukoll kugina taghha li kienet tahdem hemm li jisimha Molly. Kien hemm ukoll studenti  jahdmu hemm. Iddikjara li ma jiftakarx li kien hemm wahda mill-Gudja. Ghall-habta tas-sena 2000 sar jaf lill-konvenuta billi kien jiltaqa' maghha fuq l-arjuplan, u fit-2002 ltaqa' maghha f'Malta. Hu kien jattendi ghall-konferenzi barra minn Malta, u kien hemm okkazjoni meta kienu marru grupp ta' persuni fosthom il-konvenuta, f'Cipru ghall-exhibition. Il-konferenzi kienu jkunu Spanja, Cipru u Franza. D B kienet tmur torqod ghand ohtha f'Parigi, meta jmorru Franza. Hu ddikjara li ghandu post f'Cipru, li ma tantx jintuza, u li meta marru Cipru D kienet torqod f'hotel f'Nicosia.

Mistoqsi jekk f'dan il-post li kellu Cipru, kinitx marret D hu rrisponda fl-affirmattiv. Mistoqsi jekk D raqditx hemm irrisponda li diversi persuni raqdu hemm. Ix-xhud irrifjuta li jirrispondi ghad-domanda jekk raqditx mieghu.

Hu ddikjara li fis-sena 2005 damm minn 4 sa 6 gimghat f'Pezenas, fejn kien jaghmel ir-ricerka, kien kera flat, u D kienet marret hemm u gieli raqdet hemm billi hemm hekk kien boghod minn Parigi.

Hu kien jkun registrat biex jippartecipa fil-konferenzi mentri hi kienet tkun registrata biex tattendi.  Hu kkonferma li l-Bistro ghadu miftuh u li l-konvenuta

ilha ma tahdem hemm mis-sena 2009. Ix-xhud fis-sena 2009 ddikjara li kien 'single, divorced' u li zzewweg fis-sena 2011.

Mistoqsi kienx jhallasha irrisponda, li hi kienet tmexxi tajjeb il-Gallery u kienet tiehu nofs il-profitti. Il-permessi tal-Gallery u l-Bistro applika ghalihom hu u huma f'ismu. Mistoqsi fejn kienet ir-residenza taghha ix-xhud irrisponda li kellha flat u hwejjigha kienet izzommhom hemm. Kien gabilha permess biex tipparkja fl-Imdina, billi kienet tahdem hemm, dan kien qabel is-sena 2006.

Meta spiccat minn dan ix-xoghol fit-2009, kien ta' rigal ta' xi Euros 5,000.

Mistoqsi jekk telqitx ghax kienet qed tara persuna mill-Awstrija, ix-xhud iddikjara li la seta' jikkonferma l-anqas jinnega, pero' jaf li fil-prezent qed tara persuna mill-Awstrija, izda mhux jekk dan kien qabel jew wara li kienet telqghet mix-xoghol mieghu. Hu nnega li kellha hwejjigha fir-residenza tieghu.

Ix-xhud ikkonceda li hi raqdet ghandu meta kien Malta, pero' iddikjara li diversi nies bhal studenti, raqdu ghandu, u rrifjuta li jirrispondi ghad-domanda jekk hi raqdet fis-sodda tieghu.

Hu kkonferma li l-attur, tlett gimghat qabel kien mar il-Gallery u xtaq ikellmu, billi kien ma' mara u tifel ix-xhud hassu imbarrazzat, tah it-telephone number tieghu u hallielu nota mal-mara tieghu li giet esebita u markata Dok PSC.

Ix-xhud iddikjara li mal-konvenuta qatt ma ddiskuta l-affarjiet personali taghha, u ghalhekk ma kien jaf xejn dwar il-manteniment, u jekk zewgha kienx qed ihallasha jew le.

Paul Sant Cassia rega' xehed fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju. Semma' l-okkazjoni tal-exhibition f'Cipru meta kienu attendew grupp shih fosthom il-konvenuta. Hu kkonferma li raqdu f'lukanda f'Nicosia pero' cahad li l-konvenuta raqdet mieghu. Kellu dar f'Cipru u mar hemm ghall-gurnata biex jirraga d-dilja u l-konvenuta ghinitu. Hu cahad li l-konvenuta raqdet mieghu. Aktar tard jghid; " I am being asked whether in Mdina, D did ever sleep with me in my bed and my answer is no".

**A B**, l-attur, xehed fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-15 ta' Jannar 2015, Fol 67 et seq. Hu kkonferma li hu u martu sseparaw b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Patrick Critien fl-24 ta' Jannar 2002 u esebixxa kopja tal-istess immarkat Dok AA. Ghamel referenza partikolari ghall-klawsola 4 fejn obbliga ruhu ji jhallasha £M50 fil-gimgha manteniment u £M400 fl-20 ta' Dicembru ta' kull sena, u li l-manteniment jieqaf jekk il-konvenuta tikkoabita ma' ragel iehor. Dan baqa' jaghmlu sas-sena 2004, meta waqaf billi hi kienet qed tghix fl-Imdina mas-Sur Paul Sant Cassia.

Jghid li din ir-relazzjoni bdiet qabel ma sseparaw u wara s-separazzjoni ghamlet sentejn tmur ghandu kull filghaxija u tirritora fis-1.00 am jew s-2.00 am.

Dan hu jafu billi wara li sseparaw baqghu jghixu fl-istess dar, hi isfel u hu fuq. Hu jghid li fis-sena 2004 l-konvenuta ma baqghetx tmur d-dar. Jghid li qabbad lill-xi hadd jaghamillha l-ghassa u rrizulta li kienet qed toqghod il-lejl kollu kuljum l-Imdina. Billi fid-dar maghha kien jghix it-tifel Bernard , li kellu 19 il-sena, fis-6.00 pm kienet tinzel id-dar u ghal xi 9.00pm kient tmur l-Imdina u tibqa' hemm il-lejl kollu, kuljum. Hu ghalhekk wafqilha l-manteniment, u meta staqsietu ghaliex, kien qalilha li r-raguni kienet ghax kienet qed tghix ma' Paul Sant Cassia u hi accettat 'minghajr argument ta'xejn'. Qatt ma kitbitlu biex jkompli jhallasha il-manteniment hlief meta applika ghad-divorzju. Ghal disa' snin qatt ma talbitu manteniment. Hu wafqilha il-manteniment f'April jew Mejju 2004 qabel bieghu d-dar f'Ottubru tal-istess sena. Wara l-bejgh tad-dar hu mar joqghod is-Swieqi u hi xtrat flat f'St. Andrew's. Hu jghid li hi baqghet tghix l-Imdina ma' Paul Sant Cassia sakemm ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat. It-tifel iz-zghir baqa' single u mar joqghod ma' ommu fil-flat li xtrat f'St. Andrew's. L-attur jghid li l-konvenuta kienet taghmel saghtejn filghaxija fil-flat u kien jaraha tinhassel, tbiddel u tmur l-Imdina.

Meta r-relazzjoni ma' Paul Sant Cassia spiccat, il-konvenuta rrittornat fil-flat ta' St Andrew's u dan ghaliex bdiet relazzjoni gdida ma' wiehed Awstrijak. Dan hu sar jafu mir-ritratti taghhom flimkien, li kienet tpoggi fuq 'facebook'. Hi kienet tmur Vienna spiss, u t-tifel Bernard kien qallu li din r-relazzjoni spiccat xi xaharejn qabel ma' xehed, cioe' Novembru 2014.

Hu jghid li ir-relazzjoni bejniethom kienet wahda tajba, kien jmur ghandha darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha u kien jmorru jieklu flimkien fil-birthdays tat-tfal, kien anke jixtrilha r-rigali. Dan spicca meta meta hu ipproceda ghad-divorzju.

Iddikjara li fis-sena 2013 kien ircieva citazzjoni biex jhallas il-manteniment. Fis-sena 2006 l-attur xtara post il-Mellieha, u kienet tmur tnaddaflu Antida Pace, li l-mara tieghu kienet tqabbad biex tnaddaf id-dar fl-Imdina. Din qaltlu li martu ,il-konvenuta marret tghix hemm b'ruhha u gisimha u li kellha hafna hwejjeg fid-dar ta' Paul Sant Cassia. Dan qalithulu fis-sena 2009, skont l-attur l-istorja ta' martu ma' Paul Sant Cassia spiccat fis-sena 2010, u dan ghaliex martu bdiet relazzjoni ma' ragel Awstrjak u marret Vienna minghajr ma qalet lil Paul Sant Cassia, li kien anke staqsa lit-tfal fejn qieghda billi kellha il-mobile mitfi. L-attur jghid li dan sar jafu minn uliedu Neville u Bernard.

L-attur jghid li Anthony Grech Sant Jnr li kien johrog ma' Flavia, oht il-konvenuta, kien sar jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' Josef l-Awstrjak, wara li kellha relazzjoni ma' Paul Sant Cassia. Fis-sena 2006 l-attur stieden lill-konvenuta biex jixtru garage flimkien. Billi l-Villa li kellhom f'St Andrew's inbieghet bil-prezz ta' miljun Ewro hi kellha il-flus u hu kien xtara d-dar bir-restaurant fil-Mellieha. Hi kienet accettat u l-garage xtrawh flimkien.

Meta rega' xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, Fol 82, l-attur ddikjara li l-kagjun tas-separazzjoni taghhom kien Paul Sant Cassia billi minn dikinhar li ltaqghet mieghu, bdew jiggieldu u jillitigaw sakemm spiccaw biex sseparaw. Wara li sseparaw f'Jannar 2002, marret ghandu l-

Ingilterra ghal-xaharejn, u baqghet mieghu sat-2009. 'Jigifieri hi ghamlet xi 8 jew 9 snin ma' dan ir-ragel'. Wara li xtraw il-garage flimkien ir-relazzjonijiet bejniethom kienu tajbin. Kien ilu ma jaghtiha manteniment minn April 2004. Malli beda il-proceduri ta' divorzju fit-2012 ippretendiet il-manteniment. Fittxitu kriminalment ghall-manteniment.

Meta l-attur xehed in kontro ezami fis-seduta tas-16 ta' April 2014, Fol 98, ghad-domanda kif kien li accetta fuq il-kuntratt li jhallasha manteniment meta diga kellha relazzjoni ma' Paul Sant Cassia, irrisponda li kienu qasmu kollox bonarjament u staqsietu kif kienet ser tghix. Hu ghalhekk kien accetta izda fil-kuntratt kien tnizzel li jekk tikkoabita ma' ragel iehor, il-manteniment jieqaf.

Ghad-domanda fejn kienu hwejjigha irrisponda li kellha parti l-Imdina u parti fil-flat. Hu kkonferma li meta kien jmur ghat-tifel fis-7.30am hi ma kinitx tkun hemm u beda jaghmel l-ghassa fl-Imdina. Ikkonferma li meta waqfilha il-manteniment ma qaltlu xejn, la kitbitlu u qatt ma ilmentat mis-sena 2004 sa dakinhar. Hu cahad li kien kitiblu Dr Albert Libreri dwar il-manteniment.

Iddikjara li tant kienu 'on good terms' li f'gheluq snin il-konvenuta it-tifel kien qallu li ghandha bzonn arlogg, hu kien dahhal xi flus, u xtarlha Rolex ta' Euro 7,000 minn ghand Zampa. Ikkonferma li kien rahom flimkien f'restaurants, il-Manoel, il-Wardija biex jaraw lill-ommu u l-missieru, u anke il-bahar. Hu cahad li mar l-Imdina biex javza lil Paul Sant Cassia li kien ser jipproducih bhala xhud, kien hemm u dahal jiehu cafe'. Qal li t-tifel kien jghidlu li l-mara siefret l-Ingilterra ghand Paul Sant Cassia, u billi hu baqa' jmur regolarment il-flat ta' St Andrew's kien jaf li r-relazzjoni li kellha ma' Paul Sant Cassia spiccat, kien sar jaf bir-relazzjoni li kellha mal-Awstijak, u anke meta din spiccat.

Fil-21 ta' Ottubru 2014 gie esebit a fol 187 l-kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Partick Critien fis-16 ta' Dicembru 2004 li bih il-partijiet xtraw il-garage fil-Mellieha minn ghand Joseph u C Josephine konjugi Agius.

**Anthony Grech Sant**, prodott mill-konvenuta xhed fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014. (Fol 116). Iddikjara li lill-attur ilu jafu s-snin billi kien jilghab mal-Floriana u x-xhud kien involut fil-club tal-Floriana. Fl-ahhar jum tas-sena 2008 kien mar jiekol ma' Flavia Borg Bonaci fil-Gattopardo li jinsab l-Imdina. F'dak iz-zmien Paul Sant Cassia kien ma' D B. Dwar dan kienet qaltlu Flavia. Ghal din l-ikla ta' lejliet l-ahhar tas-sena, kienu prezenti l-genituri tal-konvenuta, huha, bint Flavia u Paul Sant Cassia. Hadd ma hallas ghall-ikla dakinhar lil Paul Sant Cassia. Jghid li hu kien mistieden u cahad meta gie mistoqsi li ghall-ikla kien hallas missier il-konvenuta.

Semma' okkazjoni meta kien Ghajn Tuffieha ma' shabu tat-team tar-rugby Cavalieri, u ra lil D u Paul Sant Cassia jimxu flimkien. Hu accetta, kif gie mistoqsi li ma kien hemm xejn hazin b'daqshekk, pero' kkonferma li f'dak iz-zmien kienu flimkien. Kien anke jarhom fl-Imdina flimkien, fejn kienet tmexxhielu r-restaurant. Ikkonferma ukoll li wara D kienet toqghod ma' ragel Awstrjak li jismu Josef. Lil dan kien jarah ghall-ikel ghand il-genituri taghha. Ohtha, Flavia kienet qaltlu li kienet kisret minn ma' Paul Sant Cassia, u kienet

ghamlet kuntatt ma' dan permezz ta' facebook. Hu dam ma' Flavia mit-2008 sa t-2011. Lil Josef rah l-ewwel darba fis-Sajf tas-sena 2010. Dejjem rah ghand il-genituri ta' D. Ammetta li qieghed il-Qorti ma' Flavia pero' cahad li qed jaghmel xi vendikazzjoni lilha b'D. Hu kkonferma li ghamel xi zmien jghix ma' Flavia u li l-kawza bejniethom hi fuq mandati li ghamel tajjeb ghalihom hu.

Il-**konvenuta, C sive D B**, fl-affidavit taghha, Fol. 149, iddikjarat li kienet sseparat minn ma' l-attur minhabba l-abbuzi verbali u fizici tieghu u ghax kien jkollu relazzjonijiet ma' nisa ohra meta kienu ghadhom mizzewgin. Kienet issuggerietlu li jmorru ghand marriage councillor, izda hu dejjem irrifjuta, u kien jghid li hi kellha problema mhux hu. Fis-sena 2000 saret taf li kellu relazzjoni ma' xbejba li kien ghadha kif izzewget, ma felhitx aktar, bdiet is-separazzjoni u sseparaw f'Jannar 2002. Isseparaw bonarjament, l-Avukat kien Dottor Joe Mifsud li kien habib tat-tnejn. Tghid li l-kuntratt ma kienx joghgobha izda kienet ilha ssofri sentejn u riedet tikkonkludi. Cediet hafna mill-propjeta' parafernali taghha, billi il-villa taghhom nbniet fuq erba' plots, tnejn minnhom kienu donazzjoni lilha minn ghand il-genituri taghha qabel iz-zwieg, wahda xtrahilhom missierha wara z-zwieg u l-ohra xtawha flimkien. Xorta wahda accettat li jaqsmu nofs il-flus tad-dar.

Kellha kwart sehem f'hanut fil-Belt u hu kien weghedha li meta jinbiegh il-flus kien ser jghaddihom fuq it-tfal, izda meta il-hanut nbiegh fis-sena 2007 lit-tfal ma ghaddielhom xejn. Din il-kondizzjoni ma kinitx tnizzlet fil-kuntratt ghax fdatu izda tghid li dahaq biha. Meta sseparaw kellha 42 sena nieqsa mill-flus u regghet bdiet mill-bidu. Tiftakar li meta sar il-kuntratt, Dr Joe Mifsud quddiemha qallu "issa timmaltrattahiex A".

Wara s-separazzjoni, baqghu jokkupaw il-Villa t-tnejn hu fuq u hi isfel, pero' A wara ftit gimghat biss, kera flat l-Imsida biex jghix mal-ewwel tfajla Russa tieghu ta' 18 il-sena. Kull nhar ta' gimgha kien baqa' jaghtiha £M50, pero' kontra dak li kienu ftehmu fil-kuntratt, beda jgib it-tfajliet Russi d-dar. Wahda minnhom raqdet mieghu fis-sodda matrimonjali meta hi marret ghand ohtha Josette f'Parigi. Meta rritornat ikkonfrontatu u beda jinsolentha kif kien jaghmel meta kienu ghadhom mizzewgin. Hu ghalhekk rega' telaq mid-dar bit-tieni tfajla Russa li kellu u kera flat fis-Swieqi. Ma baqax jmur kull nhar ta' gimgha, kien jkollha toqghod iccempillu, u ohtha Josette kienet tghinha finanzjarjament. Tghid li beda jumiljja billi l-flus kien jwaddabhom mit-tarag biex hi jkollha tigborhom mill-art, kien irrifjuta li jgibu student fil-basement biex iddahhal xi haga tal-flus. Kull ma kellha kienu dawk il-£M50 fil-gimgha, kienet qed tbati, marret ghand l-avukat li taha l-parir biex tbiegh id-dar. Dan kien ta' qsim il-qalb ghalijha izda kienet qed tghix f'wisq tensjoni.

F'Dicembru 2002 l-Avukat Dottor Albert Libreri ghan-nom taghha ipprezenta kwerela billi l-attur kien waqqaf il-manteniment ghax akkuzaha li kienet qed tikkoabita ma' Dr Paul Sant Cassia. Hi tghid li din kienet skuza da parti tieghu, ghax kien jaf li dan ma kienx minnu, tant hu hekk li meta rceva l-kwerela rega' beda jhallasha il-manteniment.

F'nofs s-sena 2003 qalilha li kien hemm min kien interessat jixtri l-Villa matrimonjali taghhom, qalilha li bir-rikavat seta' jixtri dar fil-Mellieha b'restaurant maghha, li it-tifel taghhom Neville kien jkun jista' jiehu hsiebu. Hadha tara id-dar fil-Mellieha u ftehmu li il-propjetajiet li jixtru mir-rikavat tal-bejgh, jkun il-wirt ta' uliedhom Neville u Bernard. Dan halifulha diversi drabi u ghalhekk accettat li tinbiegh il-villa. Din nbieghet f'Ottubru 2004, u wara hu xtara id-dar fil-Mellieha u hi xtrat l-appartament f'St Andrew's. Talabha biex flimkien jixtru garage vicin id-dar tal-Mellieha bhala investiment ghax d-dar tiswa hafna izjed bil-garage li seta' jintuza wkoll bhala store ghar-restaurant. Kien dejjem jirrepetilha li dan kien kollu a beneficcju tat-tfal.

Xehdet illi talabha biex jwaqqaf il-manteniment sakemm jiftah ir-restaurant, u malli jibda jopera weghedha li jghaddhielha £M400 fis-sena kera tal-garage u wara sena jkompli jhallas il-manteniment. Hi tghid li fdatu u accettat. Dan l-arrangament sar fit-2004 meta hi bdiet tahdem fil-Gattopardo Restaurant u bieghu l-villa matrimonjali. Hi marret toqghod ghand il-genituri taghha mat-tifel iz-zghir sa April/Mejju 2005 meta xtrat il-flat f'St. Andrew's. L-attur fl-istess zmien telaq mil-flat tas-Swieqi u mar joqghod mat-tfajla tieghu, fi flat il-Qawra sakemm lesta d-dar li xtara fil-Mellieha. Meta ghaddiet is-sena talbitu l-manteniment u hu qalilha li kellha flus bizzejjed, sehemha mill-prezz tad-dar, qatt ma semma' irgiel.

Hi tispjega li meta l-attur xehed li hi ma kinitx tkun d-dar, dan kien ghar-raguni li meta kien ikollhom id-deliveries fir-restaurant, kienet tibda ix-xoghol fis-6.45am. Meta kien jigi u kienet tkun d-dar, kienu jiehdu it-te' flimkien u qatt ma semmhielha rgiel. Hi tghid li ma kienet issemmi xejn dwar il-manteniment ghax kienet kuntenta li nhar ta' Hadd, hu kien jmur jiekol ghandha u jkun mat-tfal. Regghet staqsitu ghall-manteniment fit-2008, u ghall-kera tal-garage, u qalilha li kien lest li jaghtiha l-flus lura li harget ghall-garage, u kien ta bizzejjed manteniment. Tghid li -proceduri kriminali taghha dwar dan ghadhom pendenti.

Fis-sena 2007, Paul Sant Cassia kien offrilha li tmexxi r-retaurant u jaqsmu il-profitti, u billi ghaliha l-aktar important kien ix-xoghol u l-qlieh ta' flus, accettat. Hi hadmet fir-restaurant mit-2004 sat-2009 meta Paul Sant Cassia rritorna Malta ghall-kollox. Ma komplitx billi ma kinitx kuntenta bl-indhil kontinwu ta' Paul Sant Cassia, qabel ir-restaurant kienet tmexxieh wahedha, in oltre, kien qed ihossha ghajjiena bil-problemi tal-azma li bdew jikbru. Hi tinsisti li qatt ma ghexet mal-ebda ragel, qatt ma rceviet manteniment minn ghand ragel iehor, u r-relazzjoni ma' Paul Sant Cassia kienet wahda ta' xoghol u hbiberija.

Hi enfasizzat li s-safar ma' Paul qatt ma kien honeymoon, marret darbtejn mieghu l-Ingilterra biex jixtru l-affarjiet ghall-Bistro, marret ghal tlett konferenzi, hallset ghalihom u kienu qaghdu fi kmamar separati. Meta kienet Nicosia, ohtha Josette giet minn Parigi u kellhom kamra flimkien.

Josef, l-Awstrjak hu habib taghha u tal-familja ghal dawn l-ahhar 35 sena, u meta marret Vienna raqdet ghand habiba taghha. Ghandha hafna hbieb fl-Awstrija. Hi ddikjarat li fin-New Year tas-sena 2011, Josef stieden lilha u lit-tifel u l-mara tieghu, u lill-attur kienet qaltlu dwar dan. In oltre, fl-Awstrija hemm tabib li

tinvistah billi tbghati mill-asthma bronkjali. Iddikjarat li qatt ma ghexet mal-ebda ragel u li dejjem hadmet ghall-flus.

Dwar ix-xiehda ta' Anthony Grech Sant tghid li ghandu mibgheda kbira ghall-familja taghha billi missierha kien irrimproverah fil-pubbliku ghax kien werwer lill-ohtha u lill-bintha meta qafilhom fil-karozza u saq gas down. Ghandu kawza ma' ohtha ghax qed jghid li ghandu jithallas ta' xi xoghol li hu jghid li hadmilha. Hi qalet li meta Anthony kien mistieden ghall-ikel fil-Gattopardo, ma' ohtha Flavia, li dak iz-zmien kienet tghix mieghu, kienet hallset ohtha Josette li kienet giet minn Parigi u organizzat din l-ikla.

Dwar Antida s-seftura, iddikjarat li mhux minnu li ratha bid-dressing gown, kienet liebsa hwejjeg komdi biex tipprepara l-ikel ghall-Bistro, u bhal impjegati ohra kienet tbiddel ghall-ilbies aktar puliti, fil-guest quaters, qabel tiftah il-Bistro ghall-klienti. Antida marret tnaddaf l-Imdina darbtejn biss u Paul kien msiefer.

Fis-sajf Paul Sant Cassia kien ihaddem xi studenti inglizi fir-restaurant u kien joffrilhom akkomodazzjoni fid-dar tieghu. Hi tikkontesta kemm li kienet bid-dressing gown kif ukoll li ghandha hafna hwejjeg hemhekk, kien jkollha biss tibdila wahda, u kienet taghmel kif kienu jaghamlu l-impjegati l-ohra kollha. Meta xi drabi raqdet hemm dan kien ghar-raguni li ikunu damu fil-ghaxija u l-ghada kien jkollha tiftah kmieni minhabba l-forrnituri tal-ikel u kienet torqod fejn kienu jorqdu l-istudenti fil-guest area tad-dar. Tinkonkludi l-affidavit billi ttenni li qatt ma kellha relazzjoni ma' hadd u qatt ma ghexet ma' hadd.

Il-konvenuta, fil-kontro ezami, Fol 207, ikkonfermat li s-separazzjoni bejniethom bdiet meta sieheb ir-ragel, Hugh Caruana, qalilha li A kellu relazzjoni ma' xbejba li kienet ghadha kif izzewget. Din kien jisimha Nathalie u kellhom hanut tad-deheb jismu 'Ave Marija'. Dan hi kkonfermatu ghax ratlu n-numru fuq il-mobile, cemplithielha minn phone box u meta staqsietha kinitx Nathalie din rrispondiet "speaking". Hi cahdet li qatt kellha relazzjoni mal-Professur Anglu Psaila. Cahdet li kellha relazzjoni ma' Darren Debono u qalet li lanqas tafu.

Ikkonfermat li zewgha kien jghidilha li jekk tfittxu t-tfal " ma jarawx id-dar tal-Mellieha". Hi cahdet li wara s-separazzjoni ghamlet xaharejn l-Ingilterra ghand Paul Sant Cassia. Hi qalat li meta raqdet ghandu u hu kien hawn Malta hi kienet torqod fil-quaters fejn kienu jorqdu l-istudenti. Hi kienet tiehu hsieb il-gallery u r-restaurant, id-dar ma kinitx f'idejha.

Ipprezentat dokumenti b'konferma li r-restaurant nfetah fit-2004 u mhux fit-2007 kif qal l-attur; estratt mill-facebook b'konferma li hi dahlet f'Awwissu 2011, u ghalhekk mhux minnu dak li ddikjara Anthony Grech Sant li ltaqet ma' Josef fuq Facebook fit-2010. Ipprezentat kopja tal-kwerela ta' Dr Albert Libreri tad-19 ta' Dicembru 2002, certifikat mediku, u dikjarazzjoni tat-Taxxa tal-attur.

**Josephine sive Josette Borg Bonaci**, oht il-konvenuta, D B, fl-affidavit taghha, Fol 170, ikkonfermat li hi residenti fi Franza, fejn ilha toqghod ghall-ahhar ghoxrin sena, qabel kienet ghamlet ghaxar snin l-Amerika billi telqet minn Malta meta kellha xi 19 il-sena. Telqet minn Malta meta il-partijiet kienu ghadhom kif

izzewgu. F'dak iz-zmien kienet tigi darbtejn jew tlett darbiet fis-sena. Hi kkonfermat li kienet tghin lil ohtha finanzjarjament meta sseparaw, billi zewgha ma kienx jaghtiha manteniment u meta kien jaghtiha 'kien jitfaghhomlha ma' wiccha u tghid li dan nafu ghax kienet tarah jaghmel hekk'.

Ikkonfermat li saret taf lil Paul Sant Cassia fit-2000 billi hi artista professjonali u hu kkuntattjha biex taghmel exhibition tax-xoghlijiet taghha fil-gallerija li ghandu mar-restaurant l-Imdina. Kienet staqsitu ghandux xoghol ghal D u offrilha l-impieg ta' manager fil-Gattopardo Restaurant li ghandu fl-Imdina. Hi tghid li gieli marret tiekol hemm u dejjem hallset. Fil-post kien hemm Molly u xi studenti jahdmu ma' D.

Hi kkonfermat li darba f'lejlet l-Ewwel tas-Sena, ghamlet ikla ghall-familja kollha fil-Gattopardo Restaurant, kien prezenti ukoll Anthony Grech Sant li dak iz-zmien kien il-partner ta' ohtha, Flavia. Ghall-ikla hallset hi u servithom D billi kienet xoghol. Hi tghid li D dejjem kienet torqod id-dar taghha u qatt ma kellha relazzjoni ma' Paul Sant Cassia. D qatt ma riedet li jkollha relazzjoni ma' xi hadd billi kienet soffriet hafna ma' A, ghaliha t-tfal jigu l-ewwel.

Hi kkonfermat li Josef l-Awstrijak kien habib tal-familja, kienu ilhom jafuh mis-sena 1979/80, u kienet ltaqat l-ewwel darba mieghu hi meta kien Malta ghall-vakanza, ghamlet xi zmien tohrog mieghu u baqa' habib tal-familja. A ukoll kien jafu bhala habib tal-familja. D ghandha xi hbieb fl-Awstrija, u billi hi tbiegh xi pitturi taghha hemmhekk gieli baghtet lil D biex taghmel l-arrangamenti dwar il-pagamenti lilha dovuti. Kkonfermat li D tbghati minn bronchial asthma u tmur ghall-kura regolarment l-Awstrija. Taf li kien hemm okkazzjoni meta D inkarigat lill-Avukat Dottor Albert Libreri billi ma kienx qed ihallasha il-manteniment, u li l-proceduri gew rtirati billi wara, hallasha.
Kienet ssugeritilha li tfittxu bil-Pulizija, izda D kienet tghidilha li A kien jhedded li ma jhalli xejn lit-tfal, u ghaliha it-tfal huma kollox. D gieli traqqad maghha n-neputijiet meta johorgu t-tfal u ma jkollhomx ma' minn ihallu lil uliedhom. Kkonfermat li meta ltaqet maghha Cipru ghall-Fiera kienu raqdu fl-istess karma f'lukanda f'Nicosia, u meta tmur ghandha Parigi dejjem wahedha kienet, qatt ma marret ma xi hadd ghandha.

**Flavia Debono**, oht il-konvenuta, fl-affidavit taghha, Fol 184, kkonfermat li ghamlet tlett snin tohrog ma' Anthony Grech Sant. Hi cahdet li qatt qaltlu li ohtha D kienet tohrog ma' Paul Sant Cassia jew ma' Josef. Kienu marru jieklu fil-Gattopardo Restaurant darbtejn, darba minnhom kienet l-okkazzjoni meta ohtha, Josette li tghix Parigi kienet stiednet lill-familja kollha u xi hbieb u kienet hallset hi. Ix-xhud kkonfermat li qatt ma kellmet lil Anthony Grech Sant fuq Paul Sant Cassia u taf bic-cert li ohtha, D qatt ma kellha relazzjoni mieghu. Ohtha kienet biss impjegata mieghu u kienet tahdem fir-restaurant. Hi cahdet dak li qal Anthony Grech Sant li hi kienet qaltlu li D saret taf lil Josef mill-Facebook. Iddikjarat li ohtha D qatt ma kienet toqghod l-Imdina ma' Paul Sant Cassia.

**Paul Borg**, missier il-konvenuta, fl-affidavit tieghu Fol 190, mahluf fid-19 ta' Novembru 2014, iddikjara li l-inkwiet bejn bintu D u zewgha, A beda meta hi skopriet li hu kellu relazzjoni ma' mara mizzewga, u dan saret tafu minn habib

tieghu. Dan gara xi sentejn qabel isseparaw. Ftit qabel kienet avvicinatu persuna li qaltlu li A kien sfratta z-zwieg ta' din l-koppja, li kienet l-istess kopja li ssemmiet lil D. Dak iz-zmien hu ma semma' xejn biex jevita l-inkwit, pero' issa qed jiddikjarah billi mhux minnu dak li xehed A li l-kawza tas-separazzjoni kien Paul Sant Cassia. Meta l-attur qallu li D marret ir-Rabat u qieghda ma' Paul Sant Cassia hu kkonfrontaha lill-bintu li spjegatlu li marret bil-katalogu tax-xoghlijiet ta' ohtha, Josette, li tpingi. Tant ma kienx minnu dak li A allega fuq D, li fis-separazzjoni accetta li jhallasha manteniment. Hu jghid li lil Paul Sant Cassia ftit li xejn jafu, mar jiekol hemm xi darbtejn b'kollox, darba minnhom f'lejlet l-Ewwel tas-Sena ghall-ikla li organizzat u hallset bintu Josette.

Meta kienu qed jisseparaw D ghamlet xi zmien tghix ghandhom billi kellha depression qawwija, kienet tghidlu li f'darha kien jhossha s-seftura mhux l-mara u zewgha kien anke jsawwatha kif kienu kkonfermawlu uliedha stess.

Dwar il-plots ikkonferma li hu kien xtara zewg plots ghal bintu D, meta kienet ghadha xebba, xtralhom plot iehor wara iz-zwieg u xtaw plot iehor huma waqt iz-zwieg. Zammhom fid-dar tieghu ghal tlett snin shah sakemm inbniet il-Villa, dejjem ghinhom u uliedhom twieldu meta kienu jghixu ghandu.

Wara li nbieghet il-Villa D ghamlet xi tmien xhur tghix mal-genituri taghha, bit-tifel Bernard, kienet tahdem l-Imdina ghand Paul Sant Cassia izda dejjem raqdet id-dar, qatt ma raqdet l-Imdina. Ikkonferma li Josef kien habib antik ta' uliedu, u li kienu jistiednuh meta jinzerta f'Malta fis-sajf. Meta D spiccat mix-xoghol tal-Imdina, missierha ddikjara li kien inkwetat biha, billi zewgha ma kienx jhallasha manteniment u lanqas xi haga tal-kera tal-garage. Hu ghalhekk ikkoncedilha l-uzu ta' flat li ghandu tas-Sliema biex tikri taghha f'St Andrew's biex jkollha xi haga tal-flus. Ikkonferma li bintu D tbaghati mill-Asthma u ghandha tabiba Awstrijaka tikkurha.

Meta zzewweg it-tifel iz-zghir Bernard, missieru flok qaghad fuq quddiem mar fuq wara mal-mistiednin, mal-partner tieghu ta' 18 il-sena. It-tifel baqa' iddispjacut fuq dan l-incident. Waqt il-kawza l-attur mar iffittxu il-belt fejn ghandu hanut, l-ewwel qallu li ried itellghu xhud u wara qablu li ahjar jirrangaw flok ikomplu bil-Qorti. Hu kien qallu li D mhix mara difficli u l-attur qabel mieghu u qallu li kien ser icempillha. Fl-istess okkazzjoni urieh ir-ritatt tal-baby li kellu ma' din it-tfajla li ghandu. Ix-xhud jghid li din hassha stramba.

**Neville B**, bin il-kontendenti, fl-affidavit tieghu, Fol 194 iddikjara li dejjem xtaq li ma jkunx involut fid-disgwid legali bejn il-genituri tieghu, pero' missieru kien hedded lilu u lill-huh, li kellhom jixhdu favur tieghu fil-proceduri kriminali dwar il-manteniment. Hu ghandu 32 sena, izzewweg fit-2003 u kompla jghix ma' ommu ghal sena ohra wara z-zwieg. Hu ddikjara li jghid il-verita' anke jekk missieru kien heddu li jaqtghu mill-wirt. Dwar ommu jghid li din kienet omnipresenti tul hajjithom. It-tfal u anke missierhom dejjem baqghu priorita' maghha, anke wara s-separazzjoni. Ebda ragel ma ha post missieru ma' ommu, li qatt ma ghixhet ma' ragel iehor. Hu ddikjara li hu ukoll habib ta' Paul Sant Cassia, li dan il-bniedem kellu impatt posittiv hafna fuq il-hajja tieghu u

kkonferma li ommu qatt ma kellha relazzjoni ma’ Paul Sant Cassia. In fatti, anke hu kien jahdem hemm bejn 2004 u 2005 u kien jmur u jigi lura ma’ ommu.

Xhed li meta ommu kienet tahdem ma’ Paul Sant Cassia, dan kien jghix f’Durham l-Ingilterra. Josef hu habib antik tal-familja ta’ ommu. Jaf li kien habib taz-zija Josette, li kienet introducietu mal-familja kollha. Jghid li ommu u Josef huma semplicement hbieb u xejn aktar. Hu sorpriz kif missieru jargumenta li ommu tikkoabita ma’ dan Josef meta jaf li mhux minnu. Hu jghid li ommu dejjem riedet izzom il-paci u billi hu kien dejjem jhedded ippreferit li tbghati milli toqghod tiggieled, izda c-cirkostanzi inbidlu kompletament meta missieru qabad ma’ tfajla ta’ 17 il-sena li wara ftit nqabdet tqila. Missieru kien iddikjara li l-weghdiet li ghamel ma kienx ser izzommhom u kien hawn li ommu dehrilha li kellha titlob ghal dak li hu taghha. Ikkonferma ukoll li meta kien jaghtiha manteniment dan kien jkun f’ambjent abbuziv hafna.

**Bernard B**, it-tifel l-iehor tal-partijiet, halef l-affidavit tieghu, Fol 196 fid-19 ta’ Novembru 2014. Hu ddikjara li ma setax jifhem kif spiccaw il-Qorti, billi missieru kien jghid li jekk il-konvenuta tiffirma l-kuntratt gidu kien eventwalment jaghtih jew jhallieh lilu u lil huh. Missieru ma kienx icedi mentri ommu biex izomm il-paci kienet. L-Avukat Dottor Joe Mifsud kien habib tat-tnejn u kien l-avukat taghhom meta saret is-separazzjoni. Missieru qatt ma kellu pjacir li jaghti manteniment lil ommu, kien jghid li qed jaghtiha £M50 fil-gimgha ghal xejn. Wara s-separazzjoni baqghu jghixu fl-istess Villa, il-genituri u z-zewg subien, izda wara tlett gimghat missieru mar go flat l-Imsida mal-girlfriend tieghu. Meta l-Villa nbieghet fit-2004 mar joqghod ma’ ommu ghand in-nanniet materni sakemm ommu xtrat il-flat f’St Andrew’s fit-2005 u marru jghixu hemm. Hu zzewweg fit-2011 u baqa’ jghix ma’ ommu sakemm izzewweg. Hu cahad dak li qal missieru li kien jmur ghalih ghax-xoghol fis-7.30 am u ommu ma kinitx tkun hemm, hu insista li missieru kien jmur ghalih fit-8.30 am meta ommu tkun diga’ telqet ghax-xoghol. In fatti, meta kienet tkun hemm kienet tistiednu jiehu it-te’ maghhom. Jghid li lil Paul Sant Cassia rah erba darbiet, tlett darbiet fir-restaurant u darba meta ommu stiednitu id-dar ghal-ikel u gie ma’ Franciza. Ommu damet tahdem fl-Imdina fir-restaurant sas-sena 2009. Kienet tigi lura d-dar ghajjiena mix-xoghol, li kien ta’ strapazz ghaliha, tant li hu gieli kien jghidilha biex tieqaf. Hu kien jghix maghha qabel izzewweg u kkonferma li dejjem kienet torqod id-dar, kien hemm biss ftit okkazzjonijiet meta cemplitlu billi tkun inqabdet fuq ix-xoghol u filghodu kmieni jigu tad-deliveries, u kienet tavzah li kienet ser torqod hemm fejn kienu jorqdu l-istudenti li kienu jahdmu fir-restaurant. Dwar dak li qalet Antida, hu cahad li ommu hadet il-hwejjeg l-Imdina.

Lil Josef jafu bhala habib ta’ ommu u taz-zija, darba stiedinhom ghal tlett ijiem f’daru, ix-xhud u martu raqdu f’kamra u ommu f’kamra hdejhom. Ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn ommu u dan Josef. Hu cahad li qatt qal lil missieru li r-relazzjoni ta’ ommu ma’ Paul Sant Cassia spiccat, ghaliex qatt ma kien hemm relazzjoni bejniethom, u missieru kien jaf li ma baqghetx tahdem l-Imdina. Fis-sena 2008 missieru ma baqax jitla’ ghand ommu u lanqas baqa’ jmur f’xi okkazzjoni ta’ birthday. Hu njiddispjecih li missieru dahal il-Qorti, jiddispjacih mir-rikatti sia fil-konfront tieghu u ta’ huh kif ukoll fil-konfront ta’ ommu. Kull ma jrid minghand missieru hu r-rispett, izda sfortunatament lanqas pjacir jara n-

neputijiet ma ghandu, cioe' it-tfal tieghu u ta' huh. Jghid li ommu ghamlet 20 sena ma' missieru, lilhom it-tfal qatt ma naqashom xejn, kienet mara tad-dar full time, kienet dedikata, bl-attenzjoni kollha taghha fuq iz-zewg uliedha u issa fuq in-neputijiet u ghal ebda ragel iehor.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (Fol 278 et seq) l-attur issttometta li permezz tal-kawza odjerna qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghandu, u dan minn nofs is-sena 2004 billi martu kienet qed tikkoabita ma' ragel iehor, u dan a tenur ta' dak stipulat mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-24 ta' Jannar 2002 in atti Nutar Dottor Patrick Critien. L-attur irrileva li precedentement kien ipproceda b'kawza ta' divorzju, u f'dik l-kawza martu eccepiet li tali talba ma setghatx tigi milqugha billi zewgha kien moruz fil-hlas tal-manteniment ghall-ahhar tmien snin. Il-kawza tad-divorzju ghalhekk giet differita 'sine die' biex l-attur jipprocedi b'din il-kawza.

L-attur jissottometta li hu ammess mill-konvenuta li ilu ma jhallasha manteniment mis-sena 2004, u li hi ma ghamlet xejn dwar dan, ghax skont hu, kienet taf li ddekadiet minn dak id-dritt, u li hu kellu d-dritt li jwafqilha l-istess manteniment. L-attur jissottometti li l-konvenuta ppretendiet il-manteniment ghall-ewwel darba skont kif kien gie miftiehem fil-kuntratt, fir-risposta guramentata taghha pprezentata fl-24 ta' Lulju 2012, ghall-kawza ta' divorzju li saret mill-attur Rikors Numru 262/2012AL. Fl-istess gurnata pprezentat ittra ufficjali dwar l-istess pretensjoni.

Hu ddikjara li waqaf ihallasha il-manteniment ghall-habta ta' April/Mejju 2004, cioe' qabel nbieghed l-Villa matrimonjali f'St Andrew's, il-bejgh sar f'Ottubru ta' l-istess sena. Huma sseparaw fit-2002 u sat-2004 meta nbieghed il-Villa baqghu jghixu fiha, hi isfel u hu fuq. Jghid li waqaf ihallas il-manteniment ghax martu kellha relazzjoni intima ma' Paul Sant Cassia, li kienet torqod f'din id-dar regolarment. Martu qalet li raqdet hemm ghar-raguni ohra, pero' skont hu, ix-xhud Antida Pace taghti versjoni differenti.

L-attur jikkontendi li l-konvenuta, wara li ntemmet ir-relazzjoni li kellha ma' Paul Sant Cassia, kellha relazzjoni ma' wiehed Awstrijak li baqghet sejra sa meta bdiet il-kawza odjerna. Dwar ix-xiehda ta' Paul Sant Cassia, l-attur ssottometta li ghalkemm dan ipprova jahbi r-relazzjoni intima li kellu mal-intimata, ma rnexxielux. Jghid li ghalkemm Paul Sant Cassia ddikjara li r-relazzjoni taghhom kienet biss wahda ta' xoghol, ammetta li kien hemm diversi okkazzjonijiet, meta kienu jiltaqghu barra minn Malta, bhal Cipru, Spanja u Franza biex jattendu ghall-konferenzi. L-attur jaghmel riferenza ukoll ghax-xiehda ta' Anthony Grech Sant, li ghamel zmien partner ta' Flavia Borg Bonaci, oht il-konvenuta, u ghal dak li din qaltlu dwar l-istess konvenuta.

L-attur jissottometti li l-fatt li l-intimata, ghal tmien snin shah naqset li tipprocedi kontrih ghall-mantenimant, jaghti kredibilita' u verosimiljanza ghall-versjoni tieghu. Jghid li l-intenzjoni tal-intimata hi semplicement li ttelfu milli jottjena d-divorzju biex ma jkunx jista' jerga' jizzewweg. Saru sottomissjonijiet mill-attur

dwar il-grad ta' prova rikjest f''kawza civili u l-importanza u r-rilevanza ta' prova indizjarja.

L-attur jikkonkludi n-nota tieghu billi jissottometti li mill-provi irrzulta ppruvat li " l-intimata kemm ikkoabitat u kif ukoll ikkommettiet adulterju diversi drabi".

Il-konvenuta, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, Fol 286, tirrileva li skont il-kuntratt, l-konvenuta tiddekadi mill-manteniment, mhux jekk tikkommetti adulterju izda jekk tikkoabita ma' ragel iehor. Fi kwalunkwe kas, hi tikkontesta t-tnejn, kemm l-allegat adulterju kif ukoll l-allegata koabitazzjoni ma' ragel iehor.

Dwar in-nota tal-attur, tirrileva li l-konvenuta kienet accettat li ma tithallasx manteniment fit-2004, ghaliex zewgha xtara l-propjeta' fil-Mellieha, u webbilha biex jixtru garage, fil-vicin, flimkien, kien xott mill-flus u weghdha li kollox kien qed isir fl-interess tat-tfal, u li meta jirpilja jerga' jibda jaghtiha l-manteniment u sehemha mill-kera tal-garage. Dan pero' l-attur baqa' ma ghamlux.

Hi tissottometti li qatt ma saret il-prova li l-konvenuta ikkobitat ma' ragel iehor. Meta fit-2008 talbitu l-manteniment beda jirrikattha li jekk tinsisti fuq il-manteniment, it-tfal 'ma jarawx dik id-dar'. Dan ghamlitu fl-interess tat-tfal biex zzomm il-paci u b'ebda mod ma rrinunzjat ghall-manteniment.

Tissottometti illi kienet ghamlet zmien tahdem ma' Paul Sant Cassia izda qatt ma kellha relazzjoni mieghu. Uliedha kkonfermaw li hi kienet tghix id-dar u qatt ma ghixet ma' ragel iehor. Dwar ix-xiehda ta' Antida Pace tirrileva li din biddlet il-versjoni taghha meta giet ikkontroezaminatha. Hi ammettiet li mhux biss il-konvenuta, izda l-haddiema kollha kienu jgibu tibdila ta' hwejjeg ghax-xoghol.

Il-konvenuta ikkummentat dwar ix-xiehda ta' Paul Sant Cassia, ta' missierha, Paul Borg, li kkontradixxa ix-xiehda ta' Anthony Grech Sant, ta' hutha u ta' uliedha li kkonfermaw li hija qatt ma ikkoabitat jew kellha relazzjoni ma' ragel iehor. Ghamlet sottomissjonijiet dwar il-grad tal-prova fil-kamp civili, u ccitat diversi decizzjonijiet dwar dan.

Tinsisti li l-attur naqas li jipprova sodisfacentement li martu kienet qed tikkoabita ma' ragel iehor; il-prova li kellha ssir mhiex li hi kkommettiet adulterju izda li kienet tikkoabita ma' ragel iehor, u tissottometti li la saret il-prova tal-adulterju u wisq anqas tal-konvivenza ma' ragel iehor.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

In tema legali ghandu jinghad illi l-kuntratti validi skont il-ligi huma ghall-partijiet kontraenti ligi bejniethom.

Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Gloria Beacom et vs. Anthony Spiteri Stianes**" deciza fil-5 ta' Ottubru 1998, il-principju regolatur huwa li ***pacta***

***sunt servanda***, u cioe' dak li ftehmu l-partijiet liberament jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ma jistax jigi varjat jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew fil-kaz ta' mpossibilita' reali tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

In materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti issir referenza ghall-**artikolu 1002 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:- "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni."

Il-klawsola numru 4 (fol. 76) tal-kuntratt tipprovdi kif gej:-

**"Ir-ragel jobbliga ruhhu li jhallas lill-mara manteniment ta' hamsin lira Maltin (Lm50)……….ir-ragel ikollu d-dritt li jwaqqaf dan il-manteniment f'kas li l-mara tibda tikkoabita ma' ragel iehor".**

## IT-TIFSIRA TA' KOABITAZZJONI

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi dak li gie kontemplat fi klawsola 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet, u cioe' li jekk il-konvenuta tibda' tikkoabita ma' ragel iehor l-attur ikollu dritt iwaqqaf il-hlas lilha tal-manteniment, sehh. Jallega l-attur illi l-konvenuta l-ewwel ikkoabitat ma' Paul Sant Cassia imbaghad ma' Josef, cittadin Awstrijak.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi una volta l-attur qed jitlob l-enforzar tal-klawsola imsemmija, huwa l-oneru tieghu li jipprova sodisfacentement li l-konvenuta f'xi zmien wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt bdiet tikkoabita ma' ragel iehor. Isegwi ghalhekk illi prova ta' adulterju ma hiex sufficjenti ghall-finijiet ta' din il-kawza kif impostata fuq il-klawsola numru 4 tal-kuntratt. Kieku l-partijiet riedu jassoggettaw l-obbligu tal-attur li jhallas manteniment lill-konvenuta ghall-kondizzjoni li ma tikkommettiex adulterju, anke fl-assenza ta' koabitazzjoni, kien ikun mistenni li jistipulaw klawsola cara f'dan is-sens. Huma invece ghazlu mod iehor u assoggettaw id-dekadenza mid-dritt ghall-manteniment fl-eventwalita' li tavvera ruhha ko-abitazzjoni bejn il-konvenuta u ragel iehor.

Necessarju ghalhekk jigi stabbilit meta relazzjoni tikwalifika bhala koabitazzjoni.

Ghalkemm il-Kodici Civili jinkorpora diversi artikoli li jikkontemplaw il-koabitazzjoni, ma nsibux tifsira taghha. Wiehed mill-elementi tal-koabitazzjoni huwa z-zmien. Sabiex tavvera ruhha l-koabitazzjoni jehtieg li jkun hemm zmien ragjonevoli li fih tnejn min-nies ikunu qed jghixu taht saqaf wiehed. Mhux biss, izda li jkunu qed jghixu taht saqaf wiehed bhala koppja. Mhux bizzejjed sabiex ikun hemm koabitazzjoni li tnejn min-nies jghixu taht saqaf wiehed ghal perijodu ta' ftit jiem.

Fil-kawza "**Ashley Giodano vs Aldo Giordano**" deciza fis-6 ta' Dicembru 2002 mit-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar (as per Dr (illum l-Onor. Imhallef) Anthony Ellul), it-Tribunal kellu quddiemu kaz pjuttost identiku ghal dak odjern. F'dik il-kawza l-attrici talbet il-hlas ta' somma rapprezentanti arretratri ta' premiums ta'

assikurazzjoni medika ta' l-attrici li l-konvenut kien tenut ihallas skont klwzola numru 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom. Fir-risposta tieghu il-konvenut kien oppona ghat-talba peress li allega li l-attrici kienet ikkoabitat ma' ragel iehor bil-konsegwenza li tilfet id-dritt li tippercepixxi minghandu l-hlas ta' dawk il-premiums. Skont il-kuntratt ta' separazzjoni mertu ta' dik il-kawza: "The husband shall also pay all fees in respect of medical insurance cover for the wife and the three children, provided that the obligation assumed in favour of the wife shall automatically lapse if the parties' marriage is annulled or if a divorce decree is obtained or if the wife cohabits with another person or is maintained by him".

Intqal hekk f'dik id-decizzjoni:-

"Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li ghalkemm l-attrici kellha relazzjoni ma' rgiel ohra, hija ma kenitx qeghda tghix maghhom. Kien biss f'Gunju 2002 li hija bdiet tghix ma' certu Stephen Dimech. Peress li l-konvenut qieghed jallega li l-attrici ilha s-snin tghix ma' rgiel differenti, l-oneru tal-prova kien fuqu. Izda l-provi juru l-oppost u t-Tribunal m'ghandu l-ebda ezitazzjoni li jemmen il-verzjoni moghtija mill-attrici. Il-fatt li l-irgiel li maghhom kellha relazzjoni l-attrici kienu jmorru d-dar ghandha u kien hemm xi granet meta wkoll raqdu ghandha, ma jikkwalifikax bhala cohabits."

Fil-kawza "**Mario Galea vs Maria Concetta Lombardo"** deciza fil-31 ta'Ottubru 2012 din il-Qorti kif presjeduta kellha gia' l-okkazzjoni titratta klawsola f'kuntratt ta' separazzjoni pesonali simili ghal dik mertu tal-kawza odjerna. Kienet taqra kif gej:-

"F'kaz li l-komparenti Maria Concetta Lombardo tibda tikkoabita regolarment ma' haddiehor, allura hija titlef id-dritt li:- (a) tibqa' tabita fil-precitata dar; (b) tippercepixxi minghand zewgha l-manteniment hawn patwit;"

Intqal hekk f'dik is-sentenza:-

"Mill-provi mressqa ma jirrizulta minn imkien li l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' haddiehor la fil-perijodu antecedenti l-intavolar tal-kawza odjerna u lanqas wara.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha il-konvenuta taghmel referenza ghall-sentenza ohra bejn l-istess partijiet moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003, istitwita mill-istess attur kontra l-istess konvenuta fejn *inter alia* kien talab lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta qed tikkoabita ma' ragel iehor. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza imsemmija u jirrizulta li anke f'dik il-kawza l-Qorti kienet ikkonkludiet li l-attur ma ressaq l-ebda provi li juru li l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' haddiehor.

Fil-premessi tal-kawza odjerna l-attur ma jallegax li l-konvenuta qed tikkoabita ma' haddiehor izda jippremetti li "… il-konvenuta ghandha relazzjoni permanenti ma' terza persuna u bi hsiebha tizzewweg fil-futur." Huwa evidenti illi relazzjoni ta' gherusija minghajr koabitazzjoni ma hiex ekwivalenti ghal koabitazzjoni. Il-kuntratt huwa car f'dan ir-rigward. Ma jipprovdiex li l-manteniment jintilef jekk

il-konvenuta jkollha relazzjoni ma' haddiehor izda biss jekk "tibda tikkoabita regolarment ma' haddiehor"."

Bhala gwida ghat-tifsira tal-kelma in dizamina l-Qorti harset lejn l-**Abbozz ta' Ligi intitolat "Att biex jipprovdi ghar-regolamentazzjoni tal-koabitazzjoni**". Jinghad hekk fi klawsola 3 ta' dan l-abbozz:-

"*(1) Għall-finijiet ta' dan l-Att, koabitant ikun wieħed minn zewg adulti (kemm tal-istess sess jew tas-sess oppost) li jgħixu flimkien bħala koppja f'relazzjoni intima u stabbli, li ma jigux minn xulxin fil-gradi projbiti ta' relazzjoni jew mizzewgin lil xulxin u li minnufih qabel ma relazzjoni tintemm, kemm b'mewt jew b'xort'oħra kien qed jgħix mal-adult l-ieħor bħala koppja għall-perjodu - (a) ta' sentejn jew aktar, fil-kaz meta huma l-genituri ta' wieħed jew aktar wild dipendenti, u (b) ta' ħames snin jew aktar, f'kull kaz ieħor.*

*(2) Biex jigi determinat jekk zewg adulti huma jew mhumiex koabitanti, il-qorti għandha tieħu f'kunsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tar-relazzjoni u b'mod partikolari għandha tqis dan li gej: (a) it-tul tar-relazzjoni; (b) il-bazi li fuqha l-koppja tgħix flimkien; (c) il-grad ta' dipendenza finanzjarja ta' wieħed mill-adulti fuq l-ieħor u kull ftehim fir-rigward tal-finanzi tagħhom; (d) il-grad u n-natura ta' kull arrangament finanzjarju bejn l-adulti inkluzi xi xiri kongunt ta' proprjetà jew sehem f'xi art jew l-akkwist kongunt ta' proprjetà personali; (e) jekk hemmx wieħed jew aktar tfal dipendenti; (f) jekk wieħed mill-adulti jieħu ħsieb jew isostni li t-tfal tal-ieħor; u (g) il-grad li bih l-adulti jipprezentaw ruħhom bħala koppja lill-ħaddieħor."*

Naturalment il-Qorti ma hiex marbuta ma' tali definizzjoni li ghadha ma hiex fuq il-kotba statutorji nostrani. Pero' dak provdut fl-abbozz huwa fil-fehma tal-Qoti gwida f'dak li jirrigwarda fejn relazzjoni bejn tnejn tikkwalifika bhala "koabitazzjoni".

Il-Qorti hi tal-fehma illi sabiex l-attur jipprova sodisfacentement li l-konvenuta ikkoabitat ma' ragel iehor jehtieglu li jressaq provi li juru li l-konvenuta kienet ghexet jew qed tghix ma' ragel iehor bhala koppja fuq medda ta' zmien ragjonevoli.

L-attur jikkontendi li l-konvenuta martu ddekadiet mid-dritt li tircevi l-manteniment minghandu, in vista ta' dak minnhom patwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali taghom. Dan iffisser li f'din l-kawza, il-prova mehtiega mhiex li l-konvenuta ikkommetthiet adulterju izda li ikkoabitat ma' ragel iehor.

Mistoqsi in kontro-ezami dwar l-import ta' din il-klawsola, Fol 99, l-attur rrispona hekk;

" Jekk tmur tghix mieghu u t-tfal ikunu mieghi m'ghandix ghalfejn naghatiha l-manteniment biex tghix. Ghax jekk ser tibqa' tikkoabita mieghu izommha hu mhux inzommha jien." Ghad-domanda x'jifhem li tikkoabita ma' ragel iehor irrisponda:

“ Torqod u tqum hemm ghandu. Hekk nifhem jien.”

Il-konvenuta kkontestat kemm l-allegazzjoni tal-adulterju kif ukoll dik ta’ koabitazzjoni ma’ ragel iehor.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-attur jaghmel hafna emfasi li l-konvenuta ma hadet l-ebda passi kontra tieghu mis-sena 2004 sallum ghall-hlas tal-manteniment pattwit fil-kuntratt. Jissottometti illi l-inazzjoni taghha ghal tant snin huwa indizju car li kienet qed tirrikonoxxi li ma kelliex dritt titlob il-manteniment ghaliex kienet qed tikkoabita’ ma’ haddiehor.

Dwar il-mertu rrizulta mill-provi li l-konvenuta kienet tahdem fir-restaurant fl-Imdina, propjeta’ ta’ Paul Sant Cassia , il-Gattopardo bejn is-sena 2004 u is-sena 2009. F’dan iz-zmien l-istess Paul Sant Cassia kien jghix f’Durham l-Ingilterra. Ghalkemm kien jigi Malta ghall-vakanzi ghal ftit gimghat fis-Sajf, ma tresqux provi sodisfacenti li l-konvenuta u Paul Sant Cassia kienu qed jikkoabitaw flimkien. Il-konvenuta spjegat li l-ftit okkazzjonijiet li raqdet l-Imdina kienu dedatti mill-esigenzi tax-xoghol billi s-supplier jigi kmieni filghodu, u kienet raqdet fil-parti fejn kienu qed jorqdu wkoll l-istudenti ingaggati minn Paul Sant Cassia. Uliedha kkonfermaw li kienet torqod f’darha, u fis-sena 2009 meta Paul Sant Cassia rritorna Malta, l-impieg taghha mieghu spicca. Jirrizulta li hu zzewweg fit-2011.

Mix-xiehda ta’ Paul Sant Cassia huwa evidenti li bejn ix-xhud u l-konvenuta kien hemm relazzjoni intima ghal numru ta’ snin. Jirrakkonta (fol. 52 – 54) illi kien jattendi hafna konferenzi barra minn Malta u l-konvenuta kienet takkumpanjah. Jghid hekk: “kont nattendi hafna meetings fi Franza. Jiena kont nattendi ghal konferenzi akkademici. Mrs B kienet tigi ghal break, biex tattendi ghal konferenza meta kien jinteressaha……….Il-konferenzi kienu jkunu Spanja u Cipru u Franza. “ Ir-rifjut tax-xhud Paul Sant Cassia li jirrispondi ghad-domanda jekk meta kienu Cipru huwa u l-konvenuta kienux raqdu flimkien fid-dar li huwa ghandu f’dak il-pajjiz jwassal lill-Qorti tikkonkludi illi ir-relazzjoni ta’ bejn ix-xhud u l-konvenuta kienet aktar minn semplicement hbieb. Huwa evidenti wkoll illi Paul Sant Cassia u l-konvenuta kienu aktar konfidenti jiltaqghu barra minn Malta sabiex ir-relazzjoni taghhom izommuwha kemm jista’ jkun ‘il boghod mill-iskrutinju tal-attur.

Ix-xhud Pual Sant Cassia xhed illi bejn is-sena 2002 u s-sena 2006 jew 2007 il-konvenuta kienet hadmet fil-bistro li huwa kellu l-Imdina u ta’ dan ix-xoghol ma kienet tircevi l-ebda salarju izda kienet taqsam mieghu nofs il-profitti.

Sew Paul Sant Cassia kif ukoll il-konvenuta cahdu dak lilhom suggerit li l-konvenuta kellha hwejjigha fid-dar ta’ Sant Cassia fl-Imdina.

L-attur xhed illi sar jaf li l-konvenuta qed tghix ma’ Paul Sant Cassia ghaliex qabbad lil xi hadd jaghmlilha l-ghassa. Skont l-attur din il-persuna ma tnizlietx fil-lista tax-xiehda tieghu annessa mar-rikors guramentat u t-talba tieghu biex jitressaq xorta wahda giet michuda minn din il-Qorti.

Jirrizulta li qabel ma l-partijiet isseparaw legalment l-attur kien jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni mal-imsemmi Paul Sant Cassia. Kien ghalhekk li l-manteniment lill-konvenuta gie assoggettat ghall-kondizzjoni li ma tikkoabitax ma' ragel iehor u mhux biss jekk ikollha relazzjoni intima ma' ragel iehor.

Fi kliem l-attur stess: "ghax ir-relazzjoni ma' dan ir-ragel bdiet qabel ma sseparajna u wara li sseparajna kienet tmur ghandu kull filghaxija u tirritorna d-dar fis-1.00am jew fis-2.00 am. Hija kienet tirritorna d-dar f'dawn il-hinijiet qabel is-separazzjoni…………u wara li sseparajna ghamlet sentejn kienet tmur ghandu kuljum u tinzel id-dar ukoll u qed nirreferi ghad-dar li konna noqghodu ahna t-tnejn bhala mizzewgin."

L-attur xhed illi huwa waqfilha l-manteniment fis-sena 2004 meta "Kienet titlaq lura lejn l-Imdina xi d-9.00pm jew 9.30pm. Kienet titlaq u tibqa' hemm hekk il-lejl kollu gurnata wara l-ohra." Spjega li meta kien waqaf ihallas il-manteniment l-attrici kienet staqsietu ghalfejn ghamel hekk u meta spjegalha li ghax kienet qed tghix ma' Paul Sant Cassia ma nholoq l-ebda argument bejniethom

Jghid li fis-sena 2007 l-attur u l-konvenuta xtraw garaxx flimkien li jinstab quddiem restaurant li huwa ghandu fil-Mellieha. Xhed illi nonostante li kien ilu mis-sena 2004 ma jhallasha manteniment huma resqu flimkien sabiex jixtru dan il-garaxx minghajr ma' l-attrici semmietlu s-suggett tal-manteniment.

Jirrizulta li n-negozju fl-Imdina infetah fis-sena 2007 circa u li l-ftehim bejn il-konvenuta u Paul Sant Cassia kien li jaqsmu l-profit bin-nofs bejniethom. Irrizulta wkoll li l-konvenuta kienet hadet hsieb it-twaqqif tal-bistro gewwa l-Imdina inkluz xiri tal-makkinarju.

Ezaminati l-provi kollha prodotti il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur ma rnexxielux jipprova illi l-konvenuta ghamlet zmien tikkoabita ma' Sant Cassia. Huwa minnu li l-konvenuta kellha relazzjoni mill-qrib ma' Paul Sant Cassia. Huwa minnu wkoll li din ir-relazzjoni gia' hemm qabel ma' l-partijiet kienu isseparaw u minn qabel ma sseparaw l-attur kien ben konxju ta' din ir-relazzjoni.

L-ispjegazzjoni li tat il-konvenuta illi hija kienet xi drabi torqod fil-fond fejn hemm il-bistro kif kienu jaghmlu haddiema ohra hija fil-fehma tal-Qorti spjegazzjoni verosimili. Tajjeb jigi osservat illi huwa dikjarat mill-konvenuta u minn Paul Sant Cassia illi l-profitti fil-bistro kienu jinqasmu nofs n b'nofs. Prattikament dan ir-restaurant kien qed jigi gestit mill-konvenuta wahedha.

Irrizulta wkoll li Paul Sant Cassia kien ikun hafna zmien barra minn Malta. L-inkontri ta' bejn Paul Sant Cassia u l-konvenuta waqt konferenzi ma jammontawx ghal koabitazzjoni.

Anke dwar l-Awstrjak Josef, ma saritx il-prova li l-konvenuta kienet tikkoabita mieghu fi Vienna. Irrizulta mix-xiehda tal-familjari tal-konvenuta li dan kien habib antik tal-familja, li originarjament kien konoxxenza ta' ohtha u mhux tal-

istess konvenuta, u li meta marru ghandu kienu l-ahwa flimkien. Anke hawn mhux il-kas li wiehed jitkellem fuq konvivenza, jekk iz-zjara kienet ta' ftit granet.

**PROVI INDIZJARJI**.

L-attur jaghmel hafna emfasi illi l-Qorti ghandha tikkonsidra l-fatt li f'disa' snin il-konvenuta ma hadet l-ebda passi ghall-hlas tal-manteniment bhala prova indizjarja b'sahhitha li l-konvenuta kienet hatja ta' konvivenza' ma' ragel iehor. Dwar il-provi indizjarji f'kawza civili ssir referenza ghas-sentenza "**Emanuel Debono et vs Vincent Cutajar et**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ( as per Onor Imhallef Mark Chetcuti) fit-3 ta' Ottubru 2013 fejn jinghad:-

"Illi biex provi indizzjarji ikollhom valur probatorju iridu jkunu univoci, iwasslu ghall-konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti u tali li jnislu f'mohh il-gudikant dak il-konvinciment morali rikjest f'kawzi civili fuq bazi ta' probabilita."

Gie wkoll ritenut illi:

"Hi regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax isir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh

Fatt jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti, bhal dokumenti (Artikolu 627 et seq., Kapitolu 12) u xiehda (Artikolu 563 et seq., Kapitolu 12) u l-ammissjoni (Artikoli 693 sa 695 ta' l-istess Kapitolu 12), kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant;

Li kieku kien differentement dan kien igib ghas-sitwazzjoni assurda illi kull darba li tkun tonqos il-prova dokumentali min hu gravat bil-piz taghha ma jkunx jista', xort' ohra, jsostni l-bazi ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni. Invece, kif saput, l-effikacja probatorja kapaci tirrizulta b' xi mezz iehor. Ad exemplum, fil-kaz ta' ricevuta jew ta' xi dokument introvabbli. Dan anke fejn il-ligi tezigi dawn il-provi skritti "ad probationem vel substantiam".

Il-principju tal-piz tal-prova ma jfisserx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt, kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata eskluzivament minn prova wahda, u dik biss. Hu sew maghruf illi wiehed jista' jutilizza elementi ohra probatorji akkwiziti mill-process. Fl-ordinament guridiku taghna, kif gja fuq espress, ivigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b' kull mod purke dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta' xi prova fornita mill-kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proceduri tipprova u ssostni l-fatt li hu ghab-bazi tad-dritt taghha; ( **Iris Dalmas vs Monsinjur Joseph Dalmas et** – Qorti tal-Appell, Imhallef Philip Sciberras 12 ta' Jannar 2005).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in dizamina il-Qorti hi tal-fehma illi l-provi mressqa mill-attur filwaqt li jwasslu sal-grad rikjest mil-ligi ghall-prova tal-adulterju da parti tal-konvenuta, pero' ma humiex tali li jnisslu fil-mohh tal-gudikant dak il-konvinciment mehtieg ghall-konkluzzjoni li l-konvenuta kienet ukoll qed tikkoabita ma' ragel iehor. Huwa evidenti illi l-konvenuta kienet intenzjonalment qed tevita sitwazzjonijiet li tigi akkuzata li kisret il-kondizzjoni stipulata fil-kuntratt tal-koabitazzjoni u dan billi taghmel mezz li prattikament ta' kuljum tmur lura id-dar. Ghalkemm l-attur jaccenna ghall-hiniijet tard li fihom kienet tirritorna d-dar il-konvenuta, il-fatt li kienet qed tiggestixxi prattiament wahehda restaurant gewwa l-Imdina huma kompatibbli ma' hinijiet twal ta' xoghol li jispiccaw tard bil-lejl.

Fil-fehma tal-Qorti il-provi indizjarji li ressaq l-attur jippruvaw sodisfacentement relazzjonijiet intimi tal-konvenuta ma' rgiel ohra wara l-kuntratt tas-separazzjoni izda ma jippruvawx sal-grad li trid il-ligi il-koabitazzjoni tal-konvenuta ma' ragel iehor.

Fil-fehma tal-Qorti ir-raguni moghtija mill-konvenuta illi hija ma kinitx ipprocediet kontra zewgha ghall-manteniment peress li kien jghidilha li finanzjarment kien batut meta fetah ir-restaurant gewwa l-Mellieha hija verosimili. Aktar u aktar meta wiehed iqis illi f'dan ir-restaurant it-tifel tal-partijiet kien qed jahdem u jitharreg fl-istess hin fl-immaniggjar tieghu Il-Qorti qieghda wkoll taccetta il-verzjoni li tat il-konvenuta fis-sens illi kull meta kienet issemmielu s-suggett tal-hlas tal-manteniment li ma kienx qed jigi effettwat kien jghidilha illi kull ma qed jaghmel kien ghaz-zewg uliedhom u li jekk tipprocedi kontrih kien icahhadhom minn gidu. Il-Qorti qed tiehu wkoll in konsiderazzjoni illi fiz-zmien rilevanti l-konvenuta kienet qed tiggestixxi restaurant gewwa l-Imdina u tippercepixxi mhux semplicement salarju izda nofs il-profitti kollha li kienu hemm qed jigu generati.

Huwa inspjegabbli kif l-attur ma ha l-ebda passi fi zmien rilevanti fuq medda ta' disa' snin sabiex il-partijiet jersqu fuq kuntratt iehor sabiex l-obbligu tal-hlas tal-manteniment versu l-konvenuta jigi terminat formalment. Il-partijiet kellhom kull opportunita' jaghmlu dan, sew ghaliex ir-relazzjoni ta' bejniethom ghal zmien sew baqghet amikevoli kif ukoll ghax addirituttura fis-sena 2007 resqu quddiem nutar pubbliku sabiex flimkien jixtru garaxx fil-Mellieha.

L-attur isostni li l-inerzia tal-konvenuta ghal zmien disa' snin ghandha tigi interpretata kontra taghha bhala ammissjoni tacita da parti taghha illi kienet tilfet id-dritt li tezigi manteniment minghand l-attur. Pero' bl-istess mod wiehed ukoll jista' jargumenta illi l-attur f'disa' snin ma ha l-ebda passi legali sabiex l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment lil martu jigi terminat. L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghaliex f'disa' snin ma hax passi legali f'din id-direzzjoni. Huwa minnu li kien hemm relazzjoni tajba bejn il-partijiet tant li xtraw flimkien garaxx fil-Mellieha meta kienu separati legalment. Dan l-agir iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-ispjegazzjoni li tat il-konvenuta ghaliex ma haditx passi legali kontra zewgha ghall-hlas tal-manteniment qed tigi accettata. Il-konvenuta ma riditx thassar ir-relazzjoni tajba li kien hemm bejnha u bejn l-attur nonostante li kienu sseparaw legalment. Tant ir-relazzjoni kienet tajba illi l-

attur stess xhed kif wara li sseparaw ghamlu sentejn jghixu taht l-istess saqaf, u meta bieghu id-dar matrimonjali kien imur fid-dar il-gdidatal-konvenuta gewwa St Andrews sabiex jigbor it-tifel tal-partijiet, jidhol fid-dar meta l-konvenuta ma kinitx tkun hemm u joqghod hemm jiehu t-te'. Gieli kien imur hemm u jiekol fuq stedina tal-istess konvenuta. Mhiex sitwazzjoni komuni bejn koppja li sseparat legalment. Il-Qorti qed taccetta r-raguni migjuba mill-konvenuta illi fl-interess tal-partijiet ma riditx tkisser din ir-relazzjoni amikevoli nonostante s-separazzjoni tal-genituri. Dan ix-xenarju jikkombacja wkoll mal-fatt illi l-attur jiddikjara illi meta l-partijiet resqu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kien ben konsapevoli li l-konvenuta kellha u kien ghad ghandha relazzoni adultera ma' Paul Sant Cassia. Jirrizulta illi f'xi zmien il-konvenuta ittentat tiehu xi passi legali kontra l-attur inkluz ta' natura penali. Anke f'dawk ic-cirkostanzi l-attur ma ha l-ebda passi sabiex l-obbligu tieghu konrattwali in dizamina jigi newtralizzat.

Ezaminati l-provi kollha migjuba l-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova li l-konvenuta ikkoabitat ma' ragel iehor fit-termini tal-kuntratt de quo.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta; tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**